MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1987/2003

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Mary Olimpia Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm158) rappresentanti in kwantu ghal Lm146 import ta' sitt kambjali annessi u immarkati bhala Dokumenti 1,2,3,4,5 u 6 u li d-data ta' maturita taghhom skadiet, u in kwantu ghal Lm12 bhala imghaxijiet legali dovuti mill-konvenuta fuq l-istess sad-data tal-prezentata ta'l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta, li hija ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sitta u erbghin lira Maltin (Lm146), kif ukoll is-somma ta' tnax il-lira Maltin dovuti bhala imghaxijiet sad-data tal-prezentata ta'l-avviz u l-imghaxijiet ulterjuri.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------